# Minuti tas-16-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

Is-sittax-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tlieta, 2 ta' Awwissu, 2011. Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Iċ-Chairperson is-Sinjura Maria Elena Debattista ppresediet il-laqgħa.

## Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-Chairperson, is-Sur Norman Clews, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Luciano Farrugia.

Is-Sur Mario Bartolo kien skużat.

## Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-ħmistax-il laqgħa ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia.

## Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sinjura Debattista rreferiet għal *plot* li hemm mitluq fi Triq il-Farfett tal-Fejġel u talbet li jitneħħa skart u animali mejta li hemm f'dan il-*plot*. Is-Sinjura Debattista talbet li dan l-ilment jerġa jitressaq lill-Awtoritajiet tas-Saħħa biex is-sidien tal-art jiġu ordnati jnaddfu s-sit u jtellgħu ħajt madwar l-art.

Is-Sur Clews semma l-possibilita` li jitwaħħlu *dustbins* f'ċerti żoni ta' St Peter's. Is-Sur Clews issuġerrixa li dawn id-*dustbins* isiru mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill u jintuża ta' njam reċiklat.

## Item 4 – Korrispondenza

Ma kienx hemm korrispondenza.

## Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart

Fuq proposta tas-Sinjura Debattista li ġiet issekondata mis-Sur Clews il-Kumitat approva unanimament ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart għal perjodu April – Ġunju 2011.

**Item 6 – Affarijiet Oħra**

Is-Sinjura Debattista semmiet in-nuqqas ta' konsultazzjoni mill-kumpanija Arriva u r-rotot li l-kumpanija neħħiet miż-żona ta' St Peter's u l-viċinanzi. Is-Sinjura Debattista ppreżentat kopja ta' ittra li kienet bgħatet lill-kumpanija Arriva dwar l-ilmenti li kienu saru mir-residenti. Fuq proposta tas-Sinjura Debattista li ġiet issekondata mis-Sur Clews il-Kumitat qabel unanimament li jibqa' jagħmel kull pressjoni possibli biex l-ilmenti tar-residenti jingħata widen.

Is-Sur Joe Agius semma l-ħtieġa li ssir *road hump* fi Triq San Leonardu minħabba s-sewqan eċċessiv li qed isir.

Is-Sur Clews tkellem dwar il-ħtieġa li jkun hemm aktar sorveljanza fil-*playing field* ta' Triq l-Għakrux anke billi jsir użu minn *cameras* tas-sigurta.

Is-Sur Agius semma l-ħtieġa li jitnaddaf ħmieġ li hemm wara l-ħajt tal-*playing field* ta' Triq l-Għakrux.

Is-Sur Clews semma l-ħtieġa li jiġi rranġat sprall li hemm fi Triq San Leonardu ma Triq is-Sebellika.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.20 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-sittax-il laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 31 ta' Awwissu 2011.

Maria Elena Debattista
Chairperson